MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Numru 16/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Abdulsalam Salem Ben Ahmed**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' l-Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fid-9 ta' Ottubru 2008 kontra Abdulsalam Salem Ben Ahmed li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah: (1) li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina kontra l-liġi; (2) li

kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina bi ksur tal-liġi taħt tali ċirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; (3) li attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun taġixxi ghall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi minn awtorita` kompetenti, b'dan li l-attakk jew reżistenza sar minn wieħed jew tnejn minn nies; (4) xjentement laqa' għandu jew ġiegħel lil ħaddieħor li jilqa' għandu persuna li kontra tagħha jkun hemm ordni ta' arrest ghal reat suġġett għall-piena ta' priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l-pulizija eżekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestaha għal dak ir-reat, jew li tkun ħarbet wara li tkun ġiet arrestata għal dak ir-reat;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Jannar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-akkużat debitament reġistrata u li fiha l-istess akkużat ippersista anke wara li ġie debitament imwissi minn dik il-Qorti bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tagħtu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha skond l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjaratu ħati talli:

(1) fid-9 ta' Ġunju 2000 u fl-aħħar ġranet qabel din id-data forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni mahruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;

(2) fid-9 ta’ Ġunju 2000 u granet qabel kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina li għaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N.292/39) jew b’xi awtorita` mogħtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu ghall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir- regolamenti msemmija; b’dan, li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tiegħu, u dana skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

(3) fl-14 ta’ Ġunju 2000 għall-ħabta tas-1.00 p.m. ġewwa Buġibba attakka jew ghamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun taġixxi ghall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-liġi minn awtorita` kompetenti, b’dan li l-attakk jew reżistenza sar minn wieħed jew tnejn minn nies, u dana skond it-Tielet Kap ta’ l-Att tal-Akkuża;

(4) fis-7 ta’ Ġunju 2000 u fil-jiem ta’ wara, xjentement laqa’ għandu jew giegħel lil ħaddiehor li jilqa’ għandu persuna li kontra tagħha jkun hemm ordni ta’ arrest ghal reat suġġett għall-piena ta’ priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l-pulizija eżekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestaha għal dak ir-reat, jew li tkun ħarbet wara li tkun ġiet arrestata għal dak ir-reat;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 17(b), 17(h), 20, 22, 23, 31, 96(a), 158 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati AbdulSalam Salem Ben

Ahmed għall-piena komplessiva ta’ erba` (4) snin u tliet (3) xhur priġunerija, u għall-multa komplessiva ta’ elfejn, tliet mija u disa` u għoxrin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€2,329.27) li jekk ma titħallas puntwalment, tiġi konvertita f’terminu ta’ tliet (3) xhur priġunerija kif ukoll li jħallas is-somma ta’ tnejn u tletin euro u tnejn u sittin ċentezmi (€32.62) import ta’ l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f’dan il-proċess. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli oħra tal-ħati. Ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f’terminu ta’ priġunerija skond il-liġi.
Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b’nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma’ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x’jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta’ dik il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta’ tali distruzzjoni u jħibu a konjizzjoni ta’ dik il-Qorti b’nota appożita li kopja tagħha
tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, u eżaminata mid-difiża, qieset is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco u s-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur Dr. Franco Debono, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

**“Jidher li bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni kien hemm nuqqas ta’ qbil dwar it-tifsira li ghandha tinghata lill-artikolu 29 tal-Kap. 101 peress li bl-applikazzjoni taghha l-akkuzat seta jibbenefika fit-tnaqqis tal-piena bi grad jew tnejn. Id-difiza argumentat li ghandha tinghata tifsira aktar wiesa lil dan l-artikolu peress li jista` jkollok sitwazzjoni fejn minkejja l-kooperazzjoni tal-akkuzat il-pulizija ma tihux il-provvedimenti fil-hin u l-informazzjoni li tkun inghatat, minkejja valida, ma**

**twassalx ghal qbid ta' persuna. B'hekk akkuzat jkun qed jigi pregudikat minhabba cirkostanzi barra l-kontrol tieghu u jkun qed isofri l-konsegwenzi tat-traskuragni ta' haddiehor.**

**"Ikkunsidrat:**

**"Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni. Il-kliem tal-ligi fl-artikolu 29 tal-Kap. 101 hu car u ma jhalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni. Akkuzat jista` jibbenefika minn dan l-artikolu jekk l-informazzjoni moghtija minnu tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna li tkun ipprovdietlu d-droga. Jekk il-prosekuzzjoni ma taghmilx din id-dikjarazzjoni minn rajha allura akkuzat jista` jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-informazzjoni tieghu "tkun hekk ghenet lill-Pulizija". L-ghan ahhari tal-informazzjoni dejjem irid ikun il-qbid, jew bl-ingliz "apprehend" il-fornitur tad-droga. L-artikolu ma jsemmi xejn dwar l-operat post informazzjoni tal-Pulizija u kemm dawn ghandhom jew m'ghandhomx ikunu efficjenti. Dan l-artikolu hu bazat biss fuq l-operat tal-akkuzat u mhux dak tal-Pulizija u huwa dak ta' l-ewwel li hu taht skrutinju. L-unika alternattiva postulata hi l-akkuzat jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li l-informazzjoni tieghu tkun ghenet lill-Pulizija taqbad lill-fornitur tad-droga. Alternattivi ohra huma kollha spekulativi li kif hi l-ligi llum ma jistghux jigu kunsidrati.**

**"F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ddikjarat biss li l-akkuzat ikkoopera mal-Pulizija u li l-istqarrija tieghu kienet wahda veritjiera. Ghalhekk, kien jinkombi fuqu li juri lill-Qorti li l-informazzjoni tieghu ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-fornitur u cioe` David Gatt. Mill-provi rrizulta li dan ma kienx minnu ghax David Gatt gie arrestat fl-istess hin u lok mal-akkuzat u l-Pulizija diga` kellhom informazzjoni fuq dan ta' l-ahhar li giet korroborata mill-akkuzat.**

**"Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni, l-akkuzat ma**

**rrnexxilux jipprova a sodisfazzjoni tal-Qorti li ghen biex jigi maqbud il-fornitur tad-droga ghax dan kien diga` arrestat qabel ma gie interrogat l-akkuzat. Kwindi hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-artikolu 29 tal-Kap. 101 m'ghandhux japplika ghal dan il-kaz.**

**"Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht it-tieni kap stante li serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan it-tieni kap a tenur tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, (ara *"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"* [31.10.2002], *"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"* [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn l-ewwel u t-tieni kap hemm il-konkors formali jew ideali.**

**"Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero` ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.**

**"Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, ix-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f'dan il-kaz il-kwantita` ta' droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili u fejn il-kwantita` tad-drogi kienet piu` o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz. Peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz."**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Abdulsalam Salem Ben Ahmed ppreżentat fit-13 ta' Frar 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza ta' l-istess instab ħati ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u tirrevokaha fejn permezz tagħha gie kkundannat erba` (4) snin u tliet (3) xhur priġunerija, u għall-multa komplessiva ta' elfejn, tliet mija u disa` u għoxrin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€2,329.27) u

minflok tinfliġġi piena akar idoneja għal dan il-każ; rat l-atti l-ohra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Dan l-appell huwa dwar il-piena li ġiet inflitta fuq l-appellant. L-appellant jgħid illi huwa kkoopera mal-Pulizija f'dan il-każ u baqa' jikkoopera anke wara li ġie arrestat billi għaddhielhom diversi informazzjonijiet dwar nies involuti fit-traffikar ta' droga. Dan jgħidu biex juri li nidem għall-involviment tiegħu temporanejament tant snin ilu ma' persuni li kienu involuti fid-droga, li nqata' minn dik il-kumpanija u li medd idejh għax-xoghol tiegħu bhala mekkanik. L-appellant jikkontendi li huwa għandu jibbenefika mid-dispost ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta in vista ta' l-informazzjoni li ta dwar certu Jesmond Camilleri u dwar ċertu David Gatt. Dwar David Gatt l-appellant jgħid illi għalkemm huwa ġie arrestat fl-istess ħin li gie arrestat Gatt, it-tagħrif li ta kellu effett korroborattiv li jsaħħah il-każ kontra s-suspettat. Għalhekk isostni li hu applikabbli l-artikolu 29 imsemmi. Dwar Jesmond Camilleri, l-appellant jgħid illi qabel ma għamel l-istqarrija tiegħu, l-istess Camilleri qatt ma kien ġie arrestat mid-Drug Squad in konnessjoni ma' pussess aggravat u spaċċ ta' droga. Kien ftit wara li l-appellant ta informazzjoni lid-Drug Squad li l-istess Camilleri ġie arrestat in konnessjoni ma' pussess b'intenzjoni ta' spaċċ ta' droga. L-appellant jenfasizza illi t-tagħrif mogħti minnu fl-istqarrija kienet tirrigwarda ukoll u b'mod speċifiku il-koinvolgiment ta' Camilleri fl-ispaċċ ta' eroina in materja tal-każ li kien jinvolvi l-appellant.

**7.** Jingħad mill-ewwel li dan il-każ huwa wieħed fejn kien hemm ammissjoni, f'liema ammissjoni l-appellant ippersista anke wara li ġie mwissi b'mod l-aktar solenni mill-ewwel Onorabbli Qorti, kif titlob il-liġi, fuq il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tiegħu.

**8.** Fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruhu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti

tkun tista’ tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta’ appell ma jidħlux f’eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

**9.** Li l-piena hi fil-parametri tal-liġi m’hemm l-ebda dubju. Difatti l-piena li ngħatat hija kważi fil-*minimum* tagħha. Il-piena minima li setgħet tiġi nflitta għall-ewwel żewġ akkużi (bl-assorbiment ta’ l-ewwel fit-tieni akkuża) hi dik ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin u multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Ma’ din il-piena mbagħad trid tiżdied il-piena dwar it-tielet akkuża (priġunerija minn erba’ xhur sa sena) u dwar ir-raba’ akkuża (priġunerija minn tlett ijiem sa tliet xhur) iżda bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Jigifieri proprju l-inqas piena li setgħet tiżdied ma’ dik dwar l-ewwel żewġ akkużi hija ta’ xahar u ghaxart ijiem dwar it-tielet akkuża u ġurnata dwar ir-raba’ akkuża. L-insistenza ta’ l-appellant fil-fatt hija dwar l-applikabilita` ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**10.** Issa, l-artikolu 29 tal-Kap 101 jipprovdi testwalment:

**“Meta dwar persuna misjuba ħatja ta’ reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas ….”**

Is-sinjifikat ta’ dan l-artikolu huwa għalhekk ċar. It-tnaqqis fil-piena jsir meta persuna misjuba ħatja taħt il-Kap. 101 tkun ghenet “lill-Pulizija biex <u>taqbad</u> lill-persuna jew lill-persuni li jkunu <u>pprovdewlha</u> l-mediċini” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Dan is-sinjifikat ma jistax jiġġebbed.

**11.** Din il-Qorti eżaminat l-atti sabiex tara jekk effettivament l-appellant kienx għen lill-Pulizija biex jaqbdu lil min ipprovdielu droga. Fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija huwa semma lil ċertu Jesmond imlaqqam Ħarbat u lil ċertu David Gatt. Dwar David Gatt jirriżulta li dan inqabad mill-Pulizija fl-istess ħin li nqabad l-appellant. Mix-xiehda tas-Supretendent Norbert Ciappara jirriżulta illi dan David Gatt kien ammetta mal-Pulizija li kien għadda d-droga lill-appellant, tressaq il-Qorti u hemm ammetta wkoll l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Iċ-ċirkostanzi juru għalhekk li David Gatt ma nqabadx minħabba li l-appellant kien għen lill-Pulizija. L-appellant jippretendi illi l-artikolu 29 xorta għandu japplika. Jgħid fir-rikors ta' appell: "Anke jekk kien il-każ li t-tagħrif mogħti mill-esponent kellha effett li tikkorrobora informazzjoni li diġa kellha l-Pulizija, pero` l-korroborazzjoni tikkostitwixxi mezz biex il-Pulizija tkun tista' li jkunu jikkonkorru indizji ċari kontra persuna partikolari u fin-nuqqas ta' din il-korroborazzjoni ma jkunx hemm każ b'saħħtu kontra l-persuna suspettata." L-argument ta' l-appellant huwa loġiku iżda ma jirriflettix dak li tgħid il-liġi. Naturalment tali għajnuna tista' tiġi kkunsidrata għall-fini ta' kalibrar ta' piena iżda mhux għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 imsemmi.

**12.** Dwar Jesmond imlaqqam Ħarbat li l-appellant jgħid li kunjomu huwa Camilleri, l-appellant isostni fir-rikors ta' appell tiegħu li ftit wara li huwa ta l-informazzjoni lid-Drug Squad, l-imsemmi Jesmond Camilleri ġie arrestat proprju in konnessjoni ma' pussess b'intenzjoni u spaċċ ta' droga. L-appellant jenfasizza li t-tagħrif mogħti minnu fl-istqarrija kienet tirrigwarda wkoll u b'mod speċifiku l-koinvolġiment ta' Camilleri fl-ispaċċ ta' l-eroina in materja tal-każ li kien jinvolvi l-appellant. Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi meta l-appellant għamel l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija ma kienx semma lil Jesmond imlaqqam "Ħarbat" b'kunjomu. Saħansitra meta s-Supretendent Norbert Ciappara ġie mistoqsi mid-difiża dwar din il-persuna, saret referenza biss ghal "Jesmond" u għal "Ħarbat". U s-Supretendent Ciappara qal li ma kienx irnexxielu jirrintraċċja lil din il-persuna. Li kien jaf b'dak il-laqam kienu zewgt ahwa Charles u Joseph.

**13.** Imsejjaħ biex jixhed quddiem din il-Qorti, is-Supretendent Ciappara qal li dawn it-tnejn (Charles u Joseph) kienu maghrufin mal-Pulizija. Qal illi l-Pulizija investigat lil dawn iz-zewg persuni. Pero` investigathom mhux ghaliex l-appellant ta lill-Pulizija xi informazzjoni dwarhom. It-tnejn gew *convicted* fi proceduri li hadet il-Pulizija kontra taghhom bhala konsegwenza tal-investigazzjonijiet taghha, li ma kienu bl-ebda mod marbuta ma' dak li stqarr l-appellant.

**14.** Il-pożizzjoni għalhekk hi li mhux biss il-prosekuzzjoni ma ddikjaratx illi l-appellant għen lill-Pulizija biex taqbad lill-persuni li pprovdew d-droga lill-appellant, iżda l-appellant lanqas ma rnexxielu jipprova għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi huwa hekk għen lill-Pulizija. Dan ifisser illi l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli.

**15.** Fiċ-ċirkostanzi, u stante li l-piena nflitta hija kważi fil-minimu possibbli (dik dwar l-ewwel żewġ akkużi hi in effetti fil-minimu possibbli), kif ukoll in vista tal-fatt li ma jeżistux "raġunijiet speċjali u straordinarji" li minħabba fihom jista' jsir xi tnaqqis skont l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti mhijiex se tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti għal dik li hija l-piena nflitta.

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------